**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D.; M.Jur.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Keith Psaila**

**Seduta Distrett Rabat**

**Illum: 27 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva quddiem dawn il-Qrati talli:

Kith Psaila ta' 41 sena bin Joseph u Filippa xebba Cilia, imwieled Pieta' nhar it- 8 ta' Novembru 1980, u residenti 7 Gardenia Triq it-Tank Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita' numru 543680M

Akkuzat talli nhar is-17 ta' Gunju 2022ghal habta ta' 21:15hrs gewwa Restaurant Palazzo Castelletti fi Triq San Pawl, Rabat Malta:

1) Bhala persuna li f'ismek ghandek licenzja tal-hanut bl-isem Palazzo Castelletti li jinsab fi Triq San Pawl, Rabat inqast li tqieghed gewwa gwarnic u f'post fejn jidher sewwa fil-hanut, kopja ta' kull licenzja jew permess moghtija lilek mill-awtorita regolatorja dwar dan il-hanut;

2) U aktar bhala persuna li fil-hin ta' l-ghemil ta' reat kont direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili ta' xi korp jew ghaqda ta' persuni u cioe ta' Palazzo Castelletti li huwa restaurant, jew kont qed tidher li tagixxi f'din il-kariga ma ezercitajtx id-diligenza kollha xierqa biex Tevita l-ghemil ta l-istess reat;

3) U aktar talli fi triq, f'hanut, f'post pubbliku iehor, jew f'bini iehor, haddimt geghelt jew ippermettejt li jithaddem loud speaker, gramafon amplifikatur jew strument bhal dawn, jew geghelt jew hallejt li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew nies li joqghodu f'bini qrib;

4) U aktar talli bil-lejl ksirt il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;

5) U aktar talli bhala persuna li f'ismek ghandek il-licenzja tal-hanut Palazzo Castelletti Restaurant li jinsab fi Triq San Pawl, Rabat ippermettejt lil Ivana Ranisavljevic taghmilha ta' sostitut tieghek minghajr licenzja mill-awtorita regolatorja.

Rat l-atti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-partijiet waqt is-seduta tal- 5 ta' Mejju 2023.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda principarjament rapporti li diversi individwi ghamlu mal-pulizija ezekuttiva dwar storbju bil-lejl li kien qed jigi iggenerat mill-istabiliment Palazzo Castlltti Restaurant li jinsab gewwa ir-Rabat Malta. L-ilment idur mad-data tas-17 ta' Gunju 2022.

**IL-Provi**

Xehed **PC 2204 Jordan Cassar** li certa Paula Xuereb marret l-Ghassa nhar is-17 ta' Gunju 2022 ghal habta ta' 21.15 hrs u ilmentat li kien hemm hafna storbju hiereg minn Palazzo Castelletti Restaurant. Hu informa lis-surgent. Jghid illi wara saru mieghi aktar ilmenti. Jighid li is-surgent acceda fuq il-post.[1]

[1] Fol. 3 tal-process.

Xehed **PC 996 Camilleri** permezz tal-affidavit fejn ikkonferma li irceva telefonata minn certu Patrick James White K.I. 0326563M li ukoll ilmenta li kien hemm muzika gholja hafna fir-restaurant Palazzo Castelletti li jinsab ir-Rabat, Malta. Qal li xtaq jiehu passi u PS 826 mar fuq il-post biex ikompli l-istharrig.

Fil- 21 ta‘ Gunju 2022 irrikorra l-ghassa Keith Psaila K.I. 543680M u inaghata id-drittijiet tieghu u sostna li ghal dawn l-ahhar sentejn il-Gvern ma talabx il-hlas ghal-licenzji tar-restaurants sabiex ikollom muzika. Qali li hu kellu l-permess li certa ‚Ivana‘ taghmilha bhala substitute pero' ma kellux karti x‘juri.[2] Qal ukoll li ma kellux permess iwilli r-restaurant.

Xehed **PS 826 Matthew Parnis** permezz tal-affidavit fejn qal li fis-17 ta' Gunju 2022 gie infurmat b'ilmenti li fir-Restaurant Castelletti gewwa Triq San Pawl ir-Rabat kien qed jinstema‘ hafna storbju u mar fuq il-post u **sema‘ il-muzika tinstema‘ minn barra**. Meta huwa habbat il-bieb laqghetu minn certa Ivana Panisavljevic li identifikat ruhha bhala l-manager. Qalet li s-sid ma kienx prezenti u li kien certa Kieth Psaila bin-numru tal-Karta tal-Identita: 543380M u bin-numru tal-mobile 99492777. Hija ghamlet kuntatt ma' huh Ronald Psaila. Il-pulizija talbuha l-permessi pero‘ ma kellha xejn peress li skond hi kienu ghand l-imghallem. Permessi fir-restaurant ma kienx hemm u meta hu kellem lir-Ronald Psaila fuq il-mobile qallu li minhabba il-Covid ma kienux qed jithallsu permessi. Il-manager inghatat struzzjonijiet biex tbaxxi l-volum tal-muzika li kien gej minn fuq is-saqaf, hu hija hekk ghamlet.[3]

[2] Fol. 5 tal-process.
[3] Fol. 8 tal-process.

Qal li fl-20 ta‘ Gunju 2022 huwa qal lil Keith Psaila biex jirraporta l-ghassa u infurmah li ser jinhargu l-akkuzi kontrih.

Xehed permezz ta’ affidavit **Malcolm Zerafa** data 30 ta’ Jannar 2023 fejn ipprezenta ghan-nom tal-Malta Tourisim Authority l-licenzji tal-istabiliment Palazzo Castelletti sitwat fi Triq San Pawl, Rabat sas-17 ta’ Gunju 2022.[4]

Xehdet **Brigitte White** waqt is-seduta tat- 3 ta’ Frar 2023 fejn qalet li hija ghandha d-dar taghha back to back ma’ Castelletti u li kull ma hemm bejniethom gnien jifridhom. Tghid li kien hemm attivita’ fuq il-bejt u huma ma ghandhomx permess biex jaghmlu dan u ghalhekk hija cemplet lill-pulizija. Tispjega li hija irrikordjat l-istorbju li kien hemm u li dan kien eccessiv. Dan kien gej minn fuq il-bejt ta‘ Castelletti. Kien is-17 ta‘ Gunju 2022 meta qalet li kellu live band, ghajjat, karaoke, qisek Paceville. Tghid li bl-amment ma’ tiftakarx il-hin pero’ kien vicin il-11 pm.

Kontro ezaminata tghid li kien bejn 10 pm u l- 11 pm pero‘ jista‘ jkun li kien qabel ghal xi 8.30 pm. Tghid li permessi tal-Awtorita tal-Ippjanar ma kienx hemm. Tghid li ikliet bil-lejl kuljum ikun hemm pero‘ ma jcemplux kuljum. Tghid li ma kienx hemm birthday party imma event. Tghid li wara li cemplet lill-pulizija baqghu ghaddejjin. Tkompli tispjega *li jista‘ jkun li meta marru l-pulizija waqfu, imma dawn jistennew 20 minuta, ‘il-pulizija jmorru lura l-ghassa, ma jisimghu xejn imma ahna nkunu ghadna qed nisimghu‘*[5].

[4] Fol. 23 tal-process.
[5] Fol. 33 tal-process.

Xehed **Patrick James White** nhar it-3 ta' Frar 2023 fejn starr li huwa kien ghamel rapport rigward storbju f'Castelletti u dan l-istorbju beda fis-7 pm. Jghid li meta mar ghand il-Planning Authority fuq sanctioning ghamlulhom kundizzjoni specifika fuq amplified sound. Jghid li l-kundizzjoni saret f'April u l-istorbju sar f'Gunju. Jghid li wara r-rapport taghhom xorta baqa' ghaddej bl-istorbju. Fil-kaz partikolari kien fis-17 ta' Gunju 2022.

Kontro-ezaminata jghid li huma cemplu l-ghassa wara 7 pm u l-istorbju baqa' sejjer sal– 11 pm. Jghid li spicca jiehu l-pilloli tal-pressjoni. Jghid li *kull darba li jmorru l-pulizija jieqaf u jerga' jkompli.*[6] Jinsisti li f'dik id-data partikolari l-istorbju baqa' sejjer sal- 11 pm.

Ri-ezaminat jghid li hu joqghod 8, St. Martin Street, Rabat.

Xehdet **Paola Xuereb** nhar it-3 ta' Frar 2023 u tghid li hija ghamlet rapport fuq hafna storbju u li darha antika hafna. L-istorbju kien gej minn Castelletti. Tghid li d-data ezatt ma tafhiex pero' tahseb li kien Gunju jew Lulju tas-sena l-ohra. Qalet li meta bdiet miexja fit-triq hija u sejra d-dar ghax kellha emikranja setghet tinnota t-triq tirbombja. Meta dahhlet id-dar l-istorbju baqa' hemm. Tghid li bejn id-dar taghha u Castelletti hemm gnien fin-nofs. Tispjega li bejnhom hemm dar jew tnejn.[7]

Kontro-ezaminata tghid li mill-kazin ta' San Guzepp qatt ma semghet xejn. *Tghid li peress li kellha emikranja ma setext titlaq fis-sodda u*

[6] Fol. 35 tal-process.
[7] Fol. 40 tal-process.

*marret titghawweg fuq is-sufan u kellha tpoggi x-xema go widnejha biex torqod.*[8]

Xehdet **Josette Borg** nhar it-3 ta' Frar 2023 ghan-nom tat-Trading Licensing Unit u qalet li r-restoranti ma jaqghux taht l-Unit taghhom.[9]

Xehdet **Ivana Ranisavljevic** fit-3 ta' Frar 2023 bil-lingwa Ingliza. Qalet illi hija giet mitkellma mill-Pulizija fuq rapport ta' storbju li hija ddeskriviet bhala "loudness"[10]. Iddikjarat illi hija ghandha licenzja ta' Palazzo Castelletti moghtija mill-Awtorita tat-Turizmu ta' Malta. Hija qalet illi "it was on the 7th last June and the police came since there was loud music. She notified the customers and the police went upstairs so that they check. They reduced the volume and went down. She later closed."

In kontro-ezami qalet "after the police came she closed before 11 pm".

Xehed **Keith Psaila** fil-5 ta' Mejju 2023 u qal li huwa Direttur ta' Castelletti Restaurant. Jghidli fis-17 ta' Gunju kien hemm attivita' li bdiet fis- 6.30pm u wara telghu fuq il-bejt jaghmlu prezentazzjoni u kien hemm screen. Jghid li l-pulizija gew fit-8.30 u qalu lill-general manager Ivana biex tbaxxi l-muzika u hija hekk ghamlet. Jghid li l-muzika kienet laptop imqabbad ma' screen. L-ikla kienet tal-Owner's Best u prezentazzjoni tal-achievements. Jghid li fid-9.30 pm kien hemm biss background music u meta gew il-pulizija waqaf kollox. **Jghid li ma kienx hemm meta gew il-pulizija** pero' kien hemm u ra

[8] Fol. 40 tal-process.
[9] Fol. 41 tal-process.
[10] Fol. 42 tal-process.

is-set-up f'xi l-5.30 pm.[11] Skond hu ma kien hemm l-ebda mod li wiehed seta' jaghmel muzika eccessiva u ma ippermetta lil hadd jaghmel dan. Jghid li **Ivana ma kellhiex licenzja ghax minhabba il-Covid ma kienux qed johorgu licenzji.**[12] Hu ipprezenta dokumenti KP 1 u KP 2 biex juri dan. **Jispjega li l-licenzja tal-MTA kienet imwahhla mhux mal-bieb principali fejn dahlu l-Pulizija imma l-bieb l-iehor.** Jesebixxi l-pjana tal-faccata tal-fond de quo. Jispjega li ra dan kollu mic-CCTV u l-manager offrietilhom biex jitilghu fuq u ma telghux. Jghid li fl-istess triq hemm hafna commercial outlets.

Kontro-ezaminat jghid li mhux vera li l-muzika regghet inxteghlet. Jghid li din l-istorja sehhet meta huwa ghamel permess mal-MEPA biex jaghmel imwejjed u siggijiet fuq il-bejt. L-applikazzjoni saret fid-29 ta' Mejju 2021[13]. Jghid li l-kwerelanti bdew joggezzjonaw ghal din l-applikazzjoni. Jispjega li l-engineer tieghu ikkonferma li bhala restaurant ma jkunx hemm storbju ghax mhux bar.[14] Jinsisti li r-rapport sar minhabba l-applikazzjoni tal-MEPA.

**Ikkunsidrat:**

In succinct l-akkuzi addebitati lill-imputat Keith Psaila huma s-segwenti:

1. Li ma poggiex f' post prominenti l-licenzja tal-istabiliment;
2. Li bhala direttur jew manager tal-istabiliment ma ezercitax id-deligenza mehtiega;
3. Li halla li jsiru hsejjes u storbju li jdejqu lill-girien;

[11] Pagna 2 tax-xhieda tieghu.
[12] Pagna 3 tax-xhieda tieghu.
[13] Dok KA 5 Fol. 35. **L-applikazzjoni fil-fatt saret fid- 29 ta' Marzu 2021 u mhux kif qed jasserixxi ix-xhud**.
[14] Pagna 5 u 6 tax-xhieda tieghu.

4. Dejjaq lil terzi bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor;
5. Bhala licensee eppremetta lil Ivana Ranisavljevic taghmilha ta' substitute minghajr licenzja tal-awtorita' kompetenti.

Il-Qorti tiddikjara mill-ewwel li l-akkuza numru erbgha (4), ossija dik kontravenzjonali taht l-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qatt ma tista' tissussisti minhabba li l-imputat ma kienx fuq il-post meta marru l-ufficjali tal-pulizija sabiex jikkonstataw il-fatti dwar ir-rapporti li saru u hadd ma rabat lill-imputat ma' l-allegat storbju li kien qed isir fil-fond.

**Dunque, il-Qorti mhux qed issib lill-impuat hati tar-raba' (4) akkuza.**

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat taht l-artikoli 27 tal-ligi sussidjarja 10.09 REGOLAMENTI DWAR ĦWIENET GĦALL-BEJGĦ TAL-INBID, BIRRA JEW LIKURI SPIRITI (LIĊENZI, BON ORDNI U DIĊENZA PUBBLIKA) li jaqraw is-segwenti:

*27.Kull persuna bil-liċenza taħt dawn ir-Regolamenti għandha tqiegħed ġewwa gwarniċ u f'post fejn tidher sewwa fil-ħanut kopja ta' kull liċenza jew permess* ***mogħtija lilha mill-Pulizija***[15] *dwar il-ħanut, kif ukoll kopja stampata ta' dawn ir-Regolamenti.*

Ma jirrizultax li l-istabiliment mertu ta' dawn il-proceduri kellu bzonn licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u jekk kellu bzonn tali licenzja

[15] Enfasi tal-Qorti.

ma hemm l-ebda prova ta' dan fl-atti.  Il-prosekuzzjoni probabilment kella t'akkuza lill-imputat taht ir-Regoalment 14 tal-ligi sussidjarja **409.15 Regolamenti dwar Stabilimenti li jipprovdu l-Ikel** li taqra is-segwenti:

*14. Kull dokumentazzjoni, permess u certifikat li ghandhom x'jaqsmu mat-thaddim ta' stabbiliment li jipprovdi l-ikel ghandhom ikunu disponibbli fil-post il-hin kollu.*

Dunque, il-legislazzjoni sussidjarja ikkwotata mill-prosekuzzjoni ma hix applikabbli ghal-kaz odjern.

**Ghaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab hati tal-ewwel (1) akkuza migjuba kontrieh.**

**Ikkunsidrat:**

]

L-artikolu 41 (2) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, Il-Ligijiet tal-Pulizija jaqra s-segwenti:

***41 (2) Ħadd ma jista' –***

***(a) fi triq, f'ħanut, jew f'post pubbliku ieħor; jew***

***(b) f'kull bini ieħor, billi jħaddem jew iġiegħel jew iħalli lil min iħaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jagħmel inkella jġiegħel jew iħalli li jsiru ħsejjes daqshekk***

***qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqogħdu f'bini fil-qrib.***

Imbaghad ir-regolament 12 tal-legislazzjoni sussidjarja 409.15 jaqra s-segwenti:

***12.(1) Id-detenturi ta' licenza u l-operaturi ta' l-istabbilimenti li jipprovdu l-ikel ma ghandhomx jippermettu d-daqq ta' muzika tghajjat, strumenti tal-muzika u, jew l-uzu ta' loudspeakers u, jew amplifikazzjoni fl-istabbiliment kemm-il darba ma jkunx inhareg permess minn qabel ghal dik l-attività.***

***(2) Applikazzjonijiet ghall-permess biex tindaqq muzika, strumenti muzikali u, jew l-uzu ta' loud speakers u, jew amplifikazzjoni f'postijiet li jkollhom licenza ghandhom isiru fuq il-formola adatta li tinkiseb minn ghand l-Awtorità.***

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li kien hemm daqq ta‘ muzika u li dan id-daqq ta' muzika kien jinstema' mit-triq u kien qed idejjaq lill-girien tant li kellhom jintervjenu l-pulizija. Il-Qorti hija konvinta mill-verzjoni li taw il-kwerelanti u minn dak li xehed is-surgent li mar fuq il-post. L-imputat ma kienx hemm u allura dak li xehed fuq l-istorbju u l-muzika gholja ma ghandu l-ebda relevanza. Tant kien hemm storbju u muzika gholja li l-manager Ivana Ranisavljevic fil-fatt tghid li naqqsu l-volum u wara ghalqu. Kienet responsabilita' tal-imputat li jara li tali storbju li wassal ghal inkonvenjent gravi lil girien ma jsehhx. Il-ligi titfa‘ tali responsabilita‘ fuqu.

Ma jirrizultax l-anqas mid-dokumenti ezebiti mir-rapprezentant tal-Awtorita‘ tat- Turizmu li huwa kellu xi permessi specjali ghal dik l-attivita’ jew li l-post kien kopert biex tindaqq xi muzika.[16] Dan jista‘ jfisser biss li fil-fond mertu ta‘ dawn il-proceduri ma tistax tindaqq muzika bl-ebda mod ahseb u ara kemm muzika li tinstema’mill-girien jew mit-triq!

Il-Qorti taghmilha cara mal-imputat li mhux ser tittollera li l-attivita‘ kummercjali tieghu iddejjaq lill-girien u lill-pubbliku in generali u bi ksur lampanti tal-licenzja. Mhux accettabbli li xi hadd ma jghix komdu l-hin kollu go daru u jkollu jissoporti muzika u inkonvenjenti ohra a skapitu tal-kummerc! Barra minn hekk dawn it-tip ta’ reati u kontravenzjonijiet jiehdu u jahlu hafna rizorsi tal-pulizija u tal-Qrati li fil-fehma tal-Qorti, tali rizorsi li dejjem qed jickienu kemm fil-kwanitita’ kif ukoll fil-kwalita’[17], ghandhom jigu indirizzati ghall-problemi aktar serji.

**Ghaldaqstant, il-Qorti qed isib lill-imputat hati tat-tielet (3) akkuza u cioe ksur tar-regolament 12 tal-legislazzjoni sussidjarja 409.15.**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fliet il-licenzja ezebita mill-Awtorita’ tat-Turizmu u jidher bic-car li l-imputat huwa l-operatur tal-istabiliment ghan-nom ta’ Castelletti Limited u li r-registered substitute is-Sinjura Ivana

[16] Ara Fol. 24 u 27 tal-process.
[17] Ara l-Indirizz tal-Prim’ Imhallef Mark Chtcutti fil-bidu tas-Sena Forensi – Ottubru 2023.

Ranisavljevic bin-numru tal-Karta tal-Identita 0211106A ilha f'din il-kariga mill-1 ta' Settembru 2022.[18] Dunque fil-perjodu mertu tal-akkuza hija ma kinitx sostitut ai termini tal-licenzja.

Ma hemm xejn fl-atti li juru li fil-perjodu mertu tal-akkuza, jigifieri fis-17 ta' Gunju 2022 l-Awtorita' tat-Turizmu ma kinitx qed tipprocessa l-applikazzjonijiet bhala sostitut minhabba il-Covid-19 kif qed jallega l-imputat. Id-dokument KP 1 ezebit mill-imputat ma jghidx hekk. Jghid biss is-segwenti:

***'Following two years during which the MTA has waived the payment of fees and contributions…….'***[19]

B' hekk dan id-dokument ma ghandux l-ebda relevanza u ma jaghmilx difiza tajba ghall-imputat ghal dak li jirrigwarda r-rekwizit tas-sostitut. Barra minn dan kif diga' gie stabilit u anki ammess mill-imputat meta marru l-pulizija huwa ma kienx fuq il-post.

Ir-regolament 16 tal- istess legislazzjoni sussidjarja 409.15 jghid testwalment is-segwenti:

***16.Il-konformità mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ghandha titqies li tkun kondizzjoni li ghaliha tkun soggetta licenza biex topera xi stabbiliment li jipprovdi l-ikel, irrispettivament minn***

[18] Fol. 28 tal-process.
[19] Dokument sottolinejat bil-biro mill-imputat.

***jekk tkunx saret xi riferenza ghal dawn ir-regolamenti fil-licenza nnifisha.***

Il-Qorti ghalhekk temmen li l-imputat ma ezercitax id-diligenza necessarja meta huwa, bhala Direttur u operatur[20] ghan-nom ta' Castelletti Limited mis-17 ta' Novembru 2014, ippermetta lil Ivana Ranisavljevic, sostitut tieghu minghajr permess tal-MTA thalli li tindaqq muzika, kif ukoll dik il-muzika kienet gholja b'inkonvenjent lil terzi u dan bi ksur tal-istess licenzja.[21]

**Ghalhekk, il- Qorti qed issiblill-imputat hati tat-tieni (2) u tal-hames (5) akkuzi kif dedotti kontra tieghu.**

**Decide:**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikolu 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti 21 u 27 tal-legislazzjoni sussidjarja 10.09, kif ukoll l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 kif ukoll ir-regolament 12, 16 u 17 tal-legislazzjoni sussidjarja 409.15 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt illi ma ssibx lill-imputa hati  tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) akkuza dedotti fil-konfront tieghu, qed issib lill-imputat Keith Psaila HATI tat-tieni**

[20] Ara definizzjoni ta' x' inhu operatur taht il-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta.
[21] Dan kif ammess minnu stess fix-xhieda tieghu, ossija li kien hemm muzika qed tindaqqq kif ukoll li fuq il-post makinxhemmhu imma il-manager biss.

**(2), tat-tielet (3) u tal-hames (5) akkuza u qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elfejn Ewro (€2,000).**[22]

**Il-Qorti tirrileva li t-talba ghaz-zamma tal-licenzji taht il-Kapitolu 10 u l-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta ma hiex misthoqqa stante illi tali Kapitoli ikkwotati mill-prosekuzzjoni huma irrilevanti ghall-vertenza odjerna u ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni uterjuri ta' tali talbiet.**

***Dr Monica Vella LL.D., M.Jur***

***Magistrat***

**Iamin Guarracino**

**Deputat Registratur.**

[22] L.S. 409.15 regolament 17- Kull min jonqos milli jhares xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jkun hati ta' reat, u jista, meta jinsab hati, jehel multa ta' mhux aktar minn elfejn u tlett mitt euro (€2,300).